# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar it-30 ta' Novembru, 2001

**Numru 43**

**Avviz numru 611/01DM**

**Francis Busuttil & Sons Limited**

**vs**

**James Mangion**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' seba mija u hames liri u sitta u tletin centezmi (Lm705.36) ammont dovut fuq konsenji ta' diversi invoices rigwardanti diversi hwejjeg tal-ikel li baqghu ma thallsux nonostante sejha ghall-hlas maghmula debitament.

Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut hu responsabbli ghal dan il-hlas.

Bl-ispejjez inkluzi spejjez legali fl-ammont ta’ Lm11.50c kontra l-konvenut, u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

U l-Qorti tilqa t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghal hlas tal-ammont dovut, qeghda tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ seba’ mija u hames liri u sitta u tletin centezmi (Lm705.36c) bl-imghax legali b’effett mid-9 ta’ Lulju, 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**A. Farrugia**

**Dep.Reg.**

va